MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 250/2005

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Hasem Amin Omran**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u tlieta u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM4,053.50,0), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut min Hasem Amin Omran lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lila mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur ta' bejn Novembru tas-sena 2004 u Jannar tas-sena 2005 u dana in segwitu ta, u skond Client**

**Contract No 1000049, liema kuntratt huwa ffirmat min Hasem Amin Omran;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2005 u tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, dawk ta' l-ittra ufficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Lulju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------